MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY

**Stqarrija għall-Aħbarijiet** | 6 ta' Lulju, 2015

# Il-5 edizzjoni tal-MCA eBusiness Awards

## L-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni tilqa' n-nominazzjonijiet

Għal ħames sena konsekuttiva, l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (MCA) se torganizza l-'MCA eBusiness Awards', l-uniku avveniment lokali li jirrikonoxxi l-aspett innovattiv, l-isforzi u l-integrazzjoni ta' proġetti u applikazzjonijiet tal-ICT li ġew implimentati f'setturi varji, kemm dawk individwali kif ukoll ta' kumpaniji stabiliti f'dan il-qasam f'pajjiżna. Bi pjaċir l-MCA tħabbar li n-nominazzjonijiet għal din l-edizzjoni huma miftuħa.

L-avveniment tul l-aħħar erba' snin, serva ta' vetrina għal aqwa proġetti żviluppati minn kumpaniji u entitajiet lokali, kemm dawk stabbiliti kif ukoll dawk relattivament ġodda, opportunita' biex daw setgħu juru il-kapaċita' tagħhom li jikkombinaw il-kreattività fit-teknoloġija mal-innovazzjoni fil-qasam soċjali u dak tan-negozju. L-iskop aħħari ta' dan l-avveniment hu proprju li jingħata rikonoxximent xieraq lill-aqwa talent u inizjattivi.

F'kumment qasir li għamel iċ-Ċermen tal-MCA, Dr Edward Woods, qal li "Konxji ukoll mill-fatt li t-teknoloġija saret pilastru ndispensabbli fl-ekonomija, ninsabu inkoraġġati ħafna li anki din is-sena nerġgħu norganizzaw dan l-avveniment anki minħabba l-kummenti u s-suġġerimenti pożittivi li rċevejna mill-industrija u parteċipanti tal-passat.. Huwa għalhekk li l-MCA ser tibqa kommessa, li mhux biss li tkompli torganizza dan l-avveniment, imma wkoll li tkompli ssaħħaħ dan is-settur permezz ta' rikonoxximent ta' prattiċi innovattivi". Dr Woods żied jgħid li "l-innovazzjoni hija element fundamentali f'settur kompettitiv bħal tal-lum u għandha tkun prijorità f'kull soluzzjoni jew proġett diġitali".

Għal darb'oħra l-MCA fasslet il-kategoriji ta' din l-edizzjoni a bażi tas-suġġerimenti li rċeviet mingħand parteċipanti mill-edizzjonijiet preċedenti , biex tassigura li dan l-avveniment jirrifletti b'mod dirett ix-xejra li qed tieħu l-industrija b'riżultat ta' żvilupp teknoloġiku w ekonomiku. Għaldaqstant il-kategorji għal din is-sena huma dawn li ġejjin:-

- L-aħjar inizjattiva *eGovernment*
- L-aħjar sit elettroniku għal użu kummerċjali
- L-aħjar applikazzjoni *Business to Business*
- L-aħjar *App*
- L-aħjar użu tal-media soċjali
- L-aħjar pjattaforma diġitali
- L-aħjar soluzzjoni *ERP*

L-Awtorità ser tirrikonoxxi ukoll, f'kategorija separata *(Best Academic work of a student attending the University of Malta)*, għall-aħjar studju akkademiku fil-qasam tal-eBusiness, ta' student universitarju, b'kollaborazzjoni mal-Università ta' Malta.

Għal aktar informazzjoni, tista' tikkuntattja lil:
Sharon Scerri, Koordinatur tar-Relazzjonijiet mal-Media u l-Komunikazzjoni Online, Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni
Tel: 2205 9406, Mob: 9906 6200, Imejl: sharon.scerri@mca.org.mt
Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, Valletta Waterfront, ix-Xatt ta' Pinto, Floriana FRN 1913 Tel: (+356) 21 336 840

Kull min hu nteressat li jissottometti n-nomina tiegħu, għandu jagħmel dan sal-Ħadd 6 ta' Settembru 2015. Kumitat indipendenti magħmul minn esperti mill-qasam akkademiku, mill-industrija, kif ukoll rappreżentanti minn naħa tal-Gvern jagħmlu l-evalwazzjoni biex jagħżlu l-finalisti u r-rebbieħa f'kull kategorija.

L-applikazzjonijiet huma miftuħa għall-organizzazjonijiet kollha li ntegraw l-ICT fil-prattiċi intraprenditorjali jew fl-operat tagħhom.

Dawk interessati jistgħu japplikaw onlajn billi jidħlu f' http://mca.org.mt/ebiz-awards

Għal-aktar informazzjoni dwar -'MCA eBusiness Awards 2015', wieħed jista' jċempel fuq +356 21336840 jew jibgħat email fuq info@mca.org.mt.

Għal aktar informazzjoni, tista' tikkuntattja lil:
Sharon Scerri, Koordinatur tar-Relazzjonijiet mal-Media u l-Komunikazzjoni Online, Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni
Tel: 2205 9406, Mob: 9906 6200, Imejl: sharon.scerri@mca.org.mt
Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, Valletta Waterfront, ix-Xatt ta' Pinto, Floriana FRN 1913 Tel: (+356) 21 336 840